

Brussell, 10 ta' Ġunju 2021  
(OR. en)

9484/21

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0071(COD)

---

---

CODEC 831	SAN 365
COVID-19 245	TRANS 367
JAI 674	COCON 43
POLGEN 94	COMIX 306
FRONT 218	SCHENGEN 52
FREMP 162	AVIATION 147
IPCR 77	PHARM 115
VISA 122	RELEX 515
MI 434	TOUR 43

#### NOTA PUNT "A"

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

---

Suġġett: Abbozz ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati interoperabbli tal-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19, tat-test għall-marda u tal-fejqa minnha (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (**l-ewwel qari**)  
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

---

1. Fis-17 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha<sup>1</sup>, ibbażata fuq l-Artikolu 77(2)(c) TFUE.
2. Fil-21 ta' Mejju 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-qbil li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew fit-trilogi u awtorizza lill-President biex jibgħat ittra lill-President tal-Kumitat LIBE li tiddikjara li jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-forma stabbilita f'dik l-ittra, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u l-att għandu jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrisponi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

---

<sup>1</sup> 7129/21

3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fid-9 ta' Ġunju 2021<sup>2</sup>.
4. Fil-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jstieden lill-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 26/21.
5. Id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill u li għandha tiġi ppubblikata fis-serje L ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tinsab fl-Addendum 1. Id-dikjarazzjonijiet mill-Awstrija u mill-Bulgarija għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum 2.
6. Il-Kunsill<sup>3</sup> huwa mistieden japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari kif tinsab fid-dokument PE-CONS 26/21.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi mal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

<sup>2</sup> 9507/21

<sup>3</sup> Id-Danimarka u l-Irlanda mhumiex qegħdin jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhumiex marbutin bih jew soġġetti għall-applikazzjoni tiegħu.